Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 80/2013

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Mark Scerri.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Mark Scerri ta’ 26 sena iben Joseph u Marija Rosaria xebba Thomas, imwieled tal-Pieta’ nhar l-1 t’April, 1977, residenti Redentur, First Dawn Court, Triq il-Qaliet, Wied il-Għajn, detentur tal-karta tal-identita 178977 (M) akkużat talli

a) Nhar it-22 ta’ Jananr 2004 għall-ħabta tal-3.45 ta’ wara nofs in-nhar fi Triq it-Torri tas-Sliema, bil-ħsieb li jikkommetti delitt, u cioe’ serq kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jiskorri l-Lm1,000 minn fond bl-isem ta’ ‘Expressions’ għad-detriment ta’ Muscat Azzopardi


Qrati tal-Gustizzja

Christine wera dan il-ħseib b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

b) kif ukoll f'dawn il-gżejjer, fl-istess data, lok, ħin u ċirksotanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara li ħja ta' anqas minn Lm50 (ħamsin lira Maltija) saret għad-detriment tal-istess Muscat Azzopardi Christine;

ċ) U aktar talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser żewġ porveddimenti tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Liġijiet ta' Malta (illum artikolu 7 tal-Kap 446) b'sentenzi mogġtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datati 18 ta' Lulju 2002 u 25 t'April, 2003, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu, fejn kien instab ħati u lliberat taħt kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tleit snin u fi żmien sentejn rispettivament.

d) U aktar talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess data,  ħin, lok u ċirkostanzi, kiser il-provvedimetn tal-artikolu 152 tal-Liġijiet ta'Malta (illuma rtikolu 22 tal-Kap 446) b'sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 27 ta' Novembru 2001, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel fejn kien instab ħati u liberat taħtkundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin.

e) U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li nstab ħati f'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definitivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura fl-ismijiet premessi fit-8 ta' Frar 2013 fejn il-Qorti sabet ħtija ai termini tal-artikoli 261, 267, 279, 41, 325, 49 u 50 tal-Kap 9 kif ukoll lp-artikoli 5,9, u 10 tal-Kap 152 tal-Lipġijiet ta' Malta u la-rtikolu 22 tal-Kap 446, u wara li rat la-rtikolu 17 tal-Kap 9 ikkundannat lill-

appellant għal piena karċerarja ta' disa' xhur u għal multa ta' €500.

Rat ir-rikors tal-appell intavolat mill-appellant fid-19 ta' Frar 2013 fejn qal li l-aggravji tiegħu kienu:

1) Li l-Qorti tal-Maġistrati qatt ma setgħet issib lill-appellant ħati tal-aggravanti tal-valur minħabba li ma nġabet prova dwar dan. Barra dan il-Qorti ma sabitx lill-appellant ħati tal-gravanti tal-mezz minħabba li la-rtikolu relevanti mhux imsemmi.

2) Illi peress li l-ħsara ma kenitx aktar minn Lm5 l-appellant ma setax jinstab ħatti tat-tieni imputazzjoni għaliex ma kenitx ippreżentata kwerela.

3) Li l-piena hija eċċessiva minħaħħa li l-ammont involut qatt ma kien ippruvat mill-prosekuzzjoni, il-ħsara kienet anqas minn Lm5, l-appellant iddesista mill-ewwel u li dak iż-żmien kien għaddej minn żmien turbulenti.

Ikkonsidrat

**L-ewwel aggravju**

L-ewwel aggravju tal-appellant huwa li huwa qatt ma seta' jinstab ħati tal-gravanti tal-valur minħabba li ma nġiebet ebda prova mill-Prosekuzzjoni dwar l-ammont ta' flus li kien fil-ħanut 'Expressions.'

Mill-atti jirriżulta, kemm mill-istqarrija tal-appellant (fol 14 u 15) kif ukoll mix-xhieda mogħtija minn Christine Muscat Azzopardi (fol 23 et) jirriżult li l-appellant kien ipprova jidħol fil-ħanut 'Expressions' nhar it-22 ta' Jannar 2004 għall-ħabta tat-3.30pm. Huwa kien sgassa il-bieb bit-tornavit li kellu u, waqt li kien qed jagħmel dan, marret mara minn ġewwa l-ħanut, fetħet il-bieb u qabdet tgħajjat. Christine Muscat Azzopardi għarfet lill-appellant fl-Awla.

Mill-appell ma jirriżultax li l-fatti huma kontestati.

Minn eżami akkurat kemm tal-istqarrija kif ukoll tax-xhieda ta’ Christine Muscat Azzopardi ma jidhirx li l-Prosekuzzjoni ressqet xi prova ta’ kemm kien hemm flus fil-cash tal-ħanut.

Għalhekk il-Qorti qed tilqa’ din il-parti tal-ewwel aggravju.

Konsegwentement il-valur għandu jitqies fil-minimum tiegħu.

Fl-ewwel aggravju l-appellant jissottometti wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati ma sabitx lill-appellant ħati tal-gravanti tal-mezz.

Skont is-sentenza, il-Qorti sabet

‘ħtija ai termini tal-artikoli 261, 267 (valur), 279, 41 (tentattiv), 325, 49, 50 tal-Kap 9 l-artikoli 5, 9, u 10 tal-Kap 152 u l-artikolu 22 tal-Kap 446’.

Fost dawn l-artikoli m’hemmx indikat l-artikolu 263 (elenkat mill-Avukat Ġenerali). Huwa dan l-artikolu li jindika l-gravanti tal-mezz.

Għalhekk isegwi li huwa tassew li l-Qorti tal-Maġistrati ma sabitx lill-appellant ħati tal-gravanti tal-mezz għaliex l-artikolu 263 mhux imsemmi.

Isegwi li dwar l-ewwel imputazzjoni l-appellant għandu jinstab ħati ta’ tentattiv ta’ serq sempliċi.

**It-tieni Aggravju**

L-appellant m’għandux raġun dwar dan l-aggravju. Il-kwerela tista’ ssir bil-fomm biss. Jirriżulta mix-xhieda ta’ Christine Muscat Azzopardi li din kienet ċemplet lid-depot dwar dak li kien seħħ kif ukoll lill-għassa ta’ tas-Sliema. Barra minn dan, waqt ix-xhieda, il-Qorti staqsiet lix-xhud dwar kemm ħallset għall-ħsara li kien wettaq l-appellant. Din wieġbet Lm5 Maltin.

Il-Qorti qed tikkonferma l-ħtija ta' din l-imputazzjoni kif stabbiliet il-Qorti tal-Maġistrati. Konsegwentement qed tiċħad dan l-aggravju.

**It-Tielet Aggravju.**

L-appellant issottometta li l-piena hija waħda eċċessiva.

Il-Qorti ser teżamina d-diversi punti mqajmin mill-appellant.

L-ewwel punt huwa dwar ir-reċidiva.

Il-Prosekuzzjoni esibiet tliet sentenzi. Dawn huma:

(a) a fol 53 : sentenza datata 27 ta' Novembru 2001 li fiha, wara ammissjoni, l-appellant kien isntab ħati ta' ksur tal-artikoli 167, 169, 183 u 184 tal-Kap 9 u kien applikat l-artikolu 22 tal-Kap 469 (qabel l-artikolu 9 tal-Kap 152) għal tliet snin. Minħabba li l-allegat reat seħħ fit-22 ta' Jannar 2004, allura t-tliet snin kienu għadhom m'għaddewx.

(b) a fol 55 et seq, sentenza tat-18 ta' Lulju, 2002 li kienet dwar serq ta' mobile phone minn karozza pparkjata u l-Qorti ordnat li l-appellant jitpoġġa taħt probation għal tliet snin. Għal darb'oħra, il-perjodu tal-probation kien għadu ma għaddiex meta seħħ l-allegat reat.

(ċ) a fol 59 et seq, sentenza tal-25 t'April, 2003 – pussess ta' cannabis – li biha kien applikat l-artikolu 22 għal sentejn. Lanqas f'dan il-każ ma kien għadda l-perjodu tal-kondizzjoni.

F'dawn it-tliet sentenzi l-appellant jew tpoġġa taħt probation jew inkella kien liberat b'kundizzjoni għal xi żmien. Skont l-artikolu 25(1) tal-Kap 446:

‘(1) Bla ħsara għal dak li hawn iktar ‘il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta’ ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitrja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox je kondizzjonalment għandha tiqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta’ ħtija għal edba fini li jkun, minbarra –

(a) l-finijiet tal-proċeduri li fihom issir l-ordni u ta’ kull proċedura sussegwenti li tista’ tittieħed kontra l-ħati taħt id-dispożizzjonijiet ta’ qabel ta’ dan l-Att

Omissis

Iżda kull meta l-ħati, li jkollu mhux anqas minn tmintax-il sena eta’ fiż-żmien tad-dikjarazzjoni ta’ ħtija ta’ reat li dwaru jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew jiġi kondizzjonalment liberat kif hawn qabel imsemmi, sussegwentement jingħata sentneza għal dak ir-reat, id-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu għandhom itemmu japplikaw għad dik id-dikjarazzjoni ta’ ħtija.’

Wara li l-Qorti eżaminat iċ-ċertifikat tat-twelid tal-appellant, ikkonkludiet li fit-tliet sentenzi msemmija, l-appellant diġa’ kellu tnejn u għoxrin jew tlieta u għoxrin sena. Għalhekk kellu aktar minn tmintax-il sena.

Biss l-appellant ma setax jinstab ħati ta’ reċidiva għall-fini tal-artikolu 50 minħabba li fis-sentenzi msemmija huwa qatt ma kien ikkundannt u għalhekk għandu japplika l-artikolu 25(1) tal-Kap 446.

**Għalhekk il-Qorti qed tilqa’ dik il-parti tal-aggravju dwar ir-reċidiva** b’referenza għall-applikazzjoni tal-artikolu 50.

Iżda fil-każ ta’ twettiq ta’ reat japplika l-artikolu 23 (1)(b) u (2) tal-Kap 446 li jiddisponu kif ġej

‘................U meta tinġieb quddiemha, u meta tinġieb prova għas-soddisfazzjoni tagħha tad-dikjarazzjoni ta’ ġtija dwar ir-reat ulterjuri, **tista’** tittratta lil dik il-persuna

għar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b'kull mod li setgħet tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġi dikjarata ħati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat.'

'(2) Bla ħsara għad-diposiżżjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tiġi ttrattata għar-reat li dqwaru tkun tqegħdet taħt probation b'ordni ta' servizz fil-komunita', jew b'ordna ta' probation u servizz jew tkun ġiet kondizzjonalment liberata, il-qorti ma tkunx tista' tqiegħed lill-ħati taħt sanzjoni koumitarja jew tagħmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1).'

Skont sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali, f'dan il-kuntest, il-kelma 'tista'' għandha tkun interpretata bħala '**għandha'**.

Skont l-artikolu 28A(7)(ċ) ma tistax tingħata sentenza sospiża

'meta r-reat ikun sar fil-perjodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni skont l-Att dwar il-Probation.'[1]

Fis-sentenzi msemmija, f'waħda minnhom setgħet tingħata piena ta' multa bħala alternattiva għal dik ta' priġunerija.

Fiż-żewġ sentenzi l-oħrajn, il-piena hija ta' priġunerija u m'hemmx alternattiva ta' multa.

Għalhekk teknikament, bilfors li parti mill-piena kellha tkun waħda ta' priġunerija effettiva kemm għar-reati msemmijin taħt l-ewwel u t-tieni imputazzjoni (bit-tieni imputazzjoni tkun assorbita fl-ewwel waħda skont l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 bħala mezz għall-fini) kif ukoll għas-sentenza

[1] Skont l-artikolu 28A(3):

'Qorti li tagħti sentenza sospiża lil xi persuna għal reat ma għandhiex fil-każ ta' dik il-persuna tagħmel ordni ta' probation, kif provdut fl-Att dwar il-Probation, dwar xi reat ieħor li dik il-persuna tinstab ħatja tiegħu minn jew quddiem il-qorti jew li dwru tkun qed tiġi trattata minn xi qorti.'

mogħtija fit-18 ta’ Lulju, 2002 (falsifikazzjoni) u dik mogħtija fis-s27 ta’ Novembru 2001 (serq bi gravanti tal-lok). Fl-ewwel waħda l-liġi tipprospetta erba’ pieni li kull waħda tvarja minn 13-il xahar sa 4 snin. Skont il-Professur Mamo, dawn ir-reati huma separati:

‘Such is the case of the utterer of notes who has himself counterfeited the notes which he intended to utter: in this case the two infringements of the law are distinct and separate both naturally and legally, for one can utter counterfeit notes without himself counterfeiting the same and vice versa.’[2]

Madanakollu, ukoll jekk dawn jitqiesu bħala reat wieħed hemm minimum ta’ tlettax-il xahar li jekk wieħed japplika l-artikolu 17(b) tal-Kap 9, allura lanqas piena fuqhom hija ta’ 4xhur u terz ta’ xahar.

Dwar is-sentenza tat-18 ta’ Lulju, 2002, din iġġorr piena minima ta’ ħmistax-il xahar u terz u jekk ikun applikat l-artikolu 17(b) tal-Kap 9, allura l-ammont ikun ta’ ħames xhur u tlitt ijiem.

Għas-sentenza datata 25 t’April, 2003 setgħet tingħata multa.

Jekk wieħed jgħodd il-pieni flimkien – jiġifieri dik għall-ewwel imputazzjoni (bit-tieni assorbita fiha) ma’ dawk tat-tielet u tar-raba’ imputazzjoni kif ukoll jinjora kull piena għall-addebitu tar-reċidiva minħabba li l-appellant ma kellux jinstab ħati tagħha – l-ammont ta’ piena ta’ priġunerija effettiva tiżboq dik li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati.

**Il-Qorti eżaminat ukoll il-fedina penali tal-appellant. L-ewwelnett kull min jingħata sentenza sospiża, probation jew ikun liberat taħt kundizzjoni, ma jfissirx li qisu ma ġara xejn. Jekk wieħed li jkun ingħata dawn iċ-ċansijiet ma jużahomx tajjeb, ikun tort tiegħu**

[2] Mamo A. Professur: Notes on Criminal Law part 1 page 158.

**li mbagħad ir-reati tal-passat jilħquh malli jinsab ħati ta' reat. U dak li seħħ f'dan il-proċess. Bħalma ntwera aktar 'il fuq, il-leġislatur rabat lill-Qorti biex f'każ ta' ksur tal-liġi mill-ġdid, allura imbagħad il-Liġi ser tilħqek.**

**Barra minn hekk il-Qorti nnutat li wara li kien seħħ dan it-tentattiv ta' serq, l-appellant reġa' kellu każi oħrajn.**

**Dwar id-dewmien fil-proċeduri, jirriżulta mill-proċess li l-Prosekuzzjoni mhux dejjem żammet l-appuntamenti tagħha u dwar dan ser tipprovdi fil-konklużjoni.**

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' biss dik il-parti tal-appell fejn l-appellant ssottometta li huwa ma setax jinstab ħati tal-gravanti tal-valur; ikkonsidrat ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati ma semmietx l-artikolu dwar il-gravanti tal-mezz;**

**Konsegwentement din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-8 ta' Frar 2013 billi waqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni u fejn imponiet multa ta' €500 qed tirriformaha f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Maġistrati sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni bl-aggravanti tal-valur u fejn sabitu ħati tal-addebitu tar-reċidiva (fejn tidħol l-applikazzjoni tal-artikolu 50) u fejn ikkundannatu għal disa' xhur priġunerija u minflok qed issibu ħati ta' tentattiv ta' serq sempliċi biss dwar l-ewwel imputazzjoni (bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel waħda), qed tilliberah mill-addebitu tar-reċidiva għall-iskop tal-artikolu 50, u, wara li qieset it-trapass ta' żmien li ħa l-proċess, qed tikkundannah għal piena ta' priġunerija ta' seba' xhur minflok il-piena ta' disa' xhur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------